

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Petizzjonijiet

30.4.2013

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 0617/2008, imressqa minn Richard M Buxton, ta' ċittadinanza Brittanika, f'isem ir-Residenti kontra Ffos-y-fran, dwar l-impatt detrimental li qiegħda jkollha l-attività fil-minjiera miftuħa tal-faħam f'Ffos-y-fran, Merthyr Tydfil, fin-Nofsinhar ta' Wales, fuq is-saħħa tar-residenti.

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant joġġezzjona għall-attività fil-minjiera miftuħa tal-faħam f'Ffos-y-fran, Merthyr Tydfil, fin-Nofsinhar ta' Wales. Skont il-petizzjonant, ix-xogħlijiet ta' estrazzjoni qegħdin isiru biss 36 metru 'l bogħod minn djar abitati u jista' jkollhom impatt detrimental serju fuq is-saħħa tar-residenti. Il-petizzjonant iħoss illi l-Gvern ta' Wales ikun qiegħed jikser id-Direttiva KE 85/337 dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali kif ukoll kull fehim għall-impenn kontra t-tibdil fil-klima jekk jingħata l-permess għal din il-minjiera miftuħa tal-faħam. Il-petizzjonant jispjega li r-residenti ppruvaw, bla suċċess, jikkontestaw il-ħruġ ta' dan il-permess fil-qorti. Il-petizzjonant isostni illi l-attività f'din il-minjiera miftuħa ser tkun l-akbar waħda fir-Renju Unit u jitlob lill-Parlament Ewropew biex jinvestiga l-kwistjoni.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-13 ta' Ottubru 2008. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 192(4) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-30 ta' Jannar 2009.

Il-petizzjoni

Minkejja l-fatt illi ma mneixx l-isforz biex jiġi rtirat il-permess tal-ippjanar tal-proġett permezz tal-qorti, il-petizzjonanti jsostnu illi t-tħaffir għall-faħam huwa kontra l-liġi u li l-attivitajiet f'minjieri miftuħa tal-faħam imorru kontra l-bżonn urġenti li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet

CM938810MT.doc

PE420.015v04-00

b'effett ta' serra u kontra l-prinċipji tal-Ewropa. Ir-raġunijiet ewlenin ippreżentati mill-petizzjonanti kontra l-proġett huma marbuta ma' dawn il-fatturi:

- is-suppożizzjoni illi l-qasam ta' applikazzjoni tal-proġett huwa akbar milli dak stabbilit fl-applikazzjoni;
- in-nuqqas li jiġu stabbiliti żoni newtrali li jipproteġu lir-residenti tal-akkwati mill-effetti ta' ħsejjes, trab u splużjonijiet;
- it-tħassib li jirriżulta minn estrazzjoni li ssir viċin il-konfini tas-sit;
- l-evalwazzjoni, ikkunsidrata insuffiċjenti, ta' effetti fuq is-saħħa;
- suspetti ta' nuqqas ta' kontroll regolatorju u kontrolli effettivi;
- l-impatt fuq it-tibdil tal-klima.

In-nuqqas ta' żoni newtrali suffiċjenti jew distanza ta' separazzjoni huwa ta' tħassib partikolari għall-petizzjonanti. Huma tal-fehma li d-deċiżjoni li jsiru xogħlijiet ta' tħaffir distanza qasira (madwar 40 metru) bogħod mid-djar tan-nies hija illegali u li l-Gvern ta' Wales naqas milli jimplimenta d-Direttiva VIA b'mod korrett.

Il-petizzjoni tissuġġerixxi li l-applikazzjoni tal-iżviluppatur li kienet il-bażi tal-inkjesta pubblika, tad-dikjarazzjoni u studju tal-impatt fuq l-ambjent u, b'hekk, tal-kunsens għall-ippjanar, kienet differenti mill-proġett ta' żvilupp maħsub inizjalment mill-iżviluppatur. L-attivitajiet previsti jinkludu xogħlijiet ta' estrazzjoni sal-konfini tas-sit tal-iskema ta' reklamazzjoni u mhux, kif issupponut mill-awtoritajiet amministrattivi tal-ippjanar, sa madwar 125 m 'l bogħod minn djar abitati.

Il-petizzjonanti jsostnu wkoll illi l-Gvern ta' Wales naqas milli jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar distanzi li għandhom jinżammu bejn siti fejn isiru xogħlijiet ta' tħaffir għall-faħam u djar abitati. Skont il-petizzjonanti huwa biss issa – wara li nħareġ il-permess ta' ppjanar għall-iskema Ffos-y-fran – illi l-Gvern qiegħed jirrakkomanda l-preżenza ta' żoni newtrali bejn minjieri miftuħa tal-faħam u żoni abitati sensitivi (djar u skejjel).

Kummenti tal-Kummissjoni dwar il-petizzjoni

L-Iskema ta' Reklamazzjoni tal-Art 'Ffos-y-fran' (Nofsinhar ta' Wales) li tinkludi xogħlijiet ta' tħaffir għall-faħam f'minjieri miftuħa, ġiet mogħtija kunsens formali għall-ippjanar f'April tal-2005 wara inkjesta pubblika li saret f'Settembru 2004 u l-preżentazzjoni sussegwenti tar-rapport tal-ispettur. L-iskema mistennija tirreklama medda ta' 400 ettaru ta' art abbandunata u tħaffer għal madwar 11-il miljun tunnellata ta' faħam f'perjodu ta' 15-20 sena. Is-sit huwa wieħed mill-aktar minjieri miftuħa importanti fir-Renju Unit.

L-iskema hija t-tielet u l-aħħar stadju rrevedut (fażi III A) tal-iskema aktar wiesgħa tal-Iskema ta' Reklamazzjoni 'East Merthyr', immedija f'nofs is-snin 80 għall-irkupru ta' art li sfat severament abbandunata minħabba attività industrijali u attività ta' tħaffir fil-fond f'minjieri li waqfet mas-snin 80. Attivitajiet ta' reklamazzjoni tal-fażijiet I u II kienu jinkludu kemm operazzjonijiet ta' tħaffir għall-faħam kif ukoll riabilitazzjoni ta' art għal skopijiet residenzjali, rikreattivi u għal attivitajiet industrijali ħfief.

Residenti tal-lokal qegħdin jopponu l-iskema. L-għadd kbir ta' appelli u talbiet li ppreżentaw ma kellhomx suċċess. F'Mejju tal-2007, kumitat tal-House of Lords irrifjuta l-permess għal aktar appelli wara li kkonkluda li ma kien hemm "ebda argument ta' importanza pubblika

ġenerali”. F’Diċembru tal-2007, il-Gvern ta’ Wales irriffjuta li jirrevoka l-permess għall-ippjanar. Sadattant, il-proġett ġie mniedi u x-xogħlijiet bdew.

Xogħlijiet f’minjieri miftuħa fuq medda ta’ art akbar minn 25 ettaru huma suġġetti għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva 85/337/KEE¹ (magħrufa bħala d-Direttiva VIA) hekk kif emendata. Il-proġett deskritt mill-petizzjonant jaqa’ taħt il-proġetti ta’ Anness I tad-Direttiva VIA, li jirrekjedi valutazzjoni tal-impatt ambjentali qabel ma jinħareġ kunsens għall-iżvilupp (Direttiva VIA - l-Artikolu 4.1).

Il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali trid tikkunsidra l-karatteristiċi speċifiċi tal-proġett, kif ukoll dawk ambjentali li x’aktarx il-proġett ikun se jaffettwa. Skont l-Anness IV tad-Direttiva VIA, il-valutazzjoni għandha tagħti informazzjoni, *inter alia*, rigward il-qagħda tal-proġett u l-impatt tiegħu fuq il-popolazzjoni u fuq fatturi marbuta mal-klima – żewġ aspetti li fuqhom għamlet enfasi l-petizzjoni – u għandha tinkludi deskrizzjoni tal-miżuri maħsuba biex jevitaw, itaffu jew jeliminaw effetti negattivi sinifikanti fuq dawn il-karatteristiċi.

Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali huwa li jiġi kkunsidrat tħassib biex tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem u tiġi żgurata l-kwalità tal-ħajja permezz ta’ ambjent aħjar.

Huwa d-dmir tal-Istati Membri li jiżguraw li dawn l-għanijiet u r-rekwiżiti jintlaħqu kif suppost matul il-proċessi tal-valutazzjoni ambjentali u ta’ approvazzjoni ta’ proġett. Għandhom jiġu kkunsidrati fatturi bħall-qagħda ta’ proġett, li tista’ tinkludi lista ta’ fatturi rilevanti bħal daqs, lok, topografija, tip ta’ materjal li għandu jiġi estratt, metodi ta’ operazzjoni, effetti ta’ ħsejjes u emissjonijiet eżistenti u mistennija, eċċ.

Mill-informazzjoni li għandha għad-dispożizzjoni tagħha l-Kummissjoni, ma jistax jiġi stabbilit kif il-liġi tal-Komunità setgħet ġiet ivvjolata. Hemm bżonn ta’ aktar informazzjoni biex ikunu jistgħu jiġu kjarifikati l-kwistjonijiet taż-żoni newtrali/distanzi ta’ separazzjoni, u, b’mod partikolari, biex jiġi stabbilit jekk il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali u d-deċiżjoni sussegwenti tteħdux għal distanza speċifika (125 metru) li ma ġietx rispettata fl-istadju ta’ implimentazzjoni tal-proġett.

Konklużjonijiet

Mill-informazzjoni ppreżentata mill-petizzjonant u minn informazzjoni oħra fil-pussess tal-Kummissjoni, ma jistax jingħad li sar ksur tal-leġiżlazzjoni tal-UE, u b’mod partikolari, tad-Direttiva 85/337/KEE hekk kif emendata u trasposta fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tar-Renju Unit.

Il-petizzjonant għandu jiġi mistieden jipprovdi aktar informazzjoni biex jissostanzja f’aktar dettall it-tħassib dwar l-allegat nuqqas min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali li japplikaw kif suppost ir-rekwiżiti tad-Direttiva VIA b’konnessjoni mal-permess u l-implimentazzjoni tal-Iskema ta’ Reklamazzjoni tal-Art ‘Ffos-y-fran’, speċjalment f’dak li jirrigwarda d-distanza tal-post tat-tħaffir mill-konfini tas-sit irrekamat. Il-Kummissjoni hekk għandha tkun f’pożizzjoni aħjar biex tanalizza din il-kwistjoni.

¹ ĠU L 175, 5.7.1985, p. 40.

4. Risposta tal-Kummissjoni (REV.), li waslet fil-5 ta' Mejju 2011.

Żona Newtrali

Id-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE¹ kif emendata mid-Direttivi 97/11/KE², 2003/35/KE³ dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (magħrufa bħala d-Direttiva "VIA" – id-Direttiva dwar il-Valutazzjoni Ambjentali) teħtieġ valutazzjoni li għandha titwettaq mill-awtorità kompetenti għal ċerti proġetti li għandhom effett sinifikanti fuq l-ambjent u tistabbilixxi prinċipalment l-obbligi proċedurali għall-Istati Membri.

Id-Direttiva, fl-Artikolu 8 tagħha, tirrikjedi li r-riżultati tal-konsultazzjonijiet u l-informazzjoni miġbura matul il-proċess tal-valutazzjoni għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni fil-proċedura ta' kunsens għal żvilupp. Huwa f'idejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali li jiġġudikaw safejn dawn ir-riżultati se jiġu kkunsidrati, abbażi tal-għarfien tagħhom taċ-ċirkostanzi lokali speċifiċi kif ukoll ta' standards, dispożizzjonijiet u prattiki nazzjonali possibbli – bħall-Pjanijiet ta' Żvilupp Unitarju u n-Noti ta' Parir Tekniku għall-Faħam u l-Aggregati – meta tiġi applikata d-Direttiva VIA.

F'dan l-isfond, il-Kummissjoni ma tistax tidentifika ksur tad-Direttiva fir-rigward tal-proċess VIA mwettaq għal dan l-iżvilupp u tal-valutazzjoni tal-ħtieġa għal żona newtrali speċifika bejn il-minjieri u l-eqreb bini residenzjali.

Azzjoni ta' infurzar għall-kontroll tal-emissjonijiet tat-tniġġis

Il-permess maħruġ skont ir-Regolamenti tal-Prevenzjoni u l-Kontroll tat-Tniġġis nazzjonali mill-Kunsill Merthyr Tydfil County Borough (MTCBC) f'Ottubru 2007 jipprovdi għal sensiela ta' kundizzjonijiet li l-operatur għandu jissodisfa biex "ma jkun hemm l-ebda emissjoni viżibbli ta' trab fl-arja mill-proċess jew mill-operazzjonijiet tiegħu tul il-konfini tas-sit li tikkawża ħsara jew fastidju". L-operaturi huma obbligati jaderixxu ma' dawn il-kundizzjonijiet u jinformat lill-Kunsill Merthyr Tydfil County Borough (MTCBC) mingħajr dewmien dwar kwalunkwe emissjoni li jista' jkollha effett fuq il-komunità lokali, jew dwar kwalunkwe funzjonament ħażin jew aċċident li jista' jikkawża tniġġis sinifikanti. Huwa f'idejn l-awtoritajiet kompetenti fil-livell tal-kontea li jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-permess jiġu rispettati kif xieraq.

Skont il-petizzjonant, ir-residenti lokali jbatu minn emissjonijiet sinifikanti ta' ħsejjes u trab u huma jsostnu li l-awtoritajiet kompetenti tal-Kunsill Merthyr Tydfil County Borough (MTCBC) jonqsu milli jieħdu azzjoni ta' infurzar. Il-petizzjonant jistqarr li r-residenti affettwati issa ddeċidew li jniedu proċeduri dwar inkonvenjenzi sofruti kontra l-operatur tal-minjiera miftuħa f'Ffos-y-Fran.

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, ĠU L 175, 5.7.1985, p.40.

² Id-Direttiva tal-Kunsill 97/11/KE tat-3 ta' Marzu 1997 li temenda d-Direttiva 85/337/KEE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, ĠU L 73, 14.3.1997, p.5.

³ Id-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 li ttiprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE rigward il-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja, ĠU L 156, 25.6.2003, p.17.

Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-petizzjonant, il-Kummissjoni ma tista' tidentifika l-ebda ksur tal-leġislażżjoni ambjentali tal-UE.

L-effetti ta' minjiera miftuħa fuq it-tibdil tal-klima

Skont l-Artikolu 3, id-Direttiva VIA tirrikjedi li, jekk issir valutazzjoni tal-impatt skont l-Artikoli minn 4 sa 11 tad-Direttiva, l-evalwazzjoni għandha tidentifika, tiddekrivi u tivvaluta l-effetti diretti u indiretti tal-proġett fuq il-klima wkoll.

In-nuqqas ta' kunsiderazzjoni tal-impatti usa' tal-forniment tal-faħam estratt lil impjant li jaħdem bil-faħam fir-reġjun, u l-effetti indiretti tal-minjiera tal-faħam fil-beraħ, inkluż l-ipproċessar tal-faħam, fuq it-"tibdil fil-klima" globali mill-awtorità li tieħu d-deċiżjonijiet, f'dan il-każ, madankollu, ma jikkostitwixxux ksur tad-Direttiva.

Skrinjar tal-VIA għall-Post fejn jintrema s-Cwmbargoed (CDP - Cwmbargoed Disposal Point)/
Faċilità tat-Tħejjija u d-Dispaċċ

<u>Faħam</u>	<u>Cwmbargoed</u>
--------------	-------------------

L-applikazzjoni għall-ippjanar ta' post fejn jintrema s-Cwmbargoed evidentement torbot dan il-proġett tar-rimi mal-iskema Ffos-y-Fran (FFS), filwaqt li tistqarr li dan hu meħtieġ għadurata tal-attivitajiet ta' tħaffir u ta' restawr f'Ffos-y-Fran. Din l-interdipendenza tkompli tiġi enfasizzata mid-deskrizzjoni tal-"faċilitajiet addizzjonali" previsti li jinkludu "l-ipproċessar tal-minerali u l-impjant tat-tħejjija, l-impjant tal-ħasil tal-faħam, it-trasport tal-faħam, il-workshop tal-vetturi, il-ħżin tal-ilma, [...] il-ġbir f'munzelli ta' faħam u faċilitajiet tat-tħejjija u xogħlijiet oħra anċillari"¹. Deskrizzjonijiet simili tal-funzjonijiet tas-CDP ingħataw fis-sentenzi tal-Qrati meta jirreferu għal attivitajiet ta' dħul ta' faħam, ipproċessar, ħasil, ħżin u ċaqliq tal-faħam, prinċipalment mill-iskema ġdida Ffos-y-Fran, b'rata ta' madwar 15-20,000 tunnellata ta' faħam xott tal-fwar ta' Wales fil-ġimgħa.

Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-attivitajiet tas-CDP (żieda fil-kapaċità għall-ipproċessar ta' miljun tunnellata fis-sena b'rata ta' 500 tunnellata fis-sieġha wara l-arranġament mill-ġdid) jistgħu jitqiesu bħala l-istadji finali tal-fluss tax-xogħol tipiku ta' skema tat-tħaffir tal-minjiera qabel il-kunsinna tal-prodott finali lill-utenti (finali) interessati. Kemm it-tħaffir għal faħam oħxon f'Ffos-y-Fran u kemm it-trattament/l-ipproċessar/l-immaniġġjar ulterjuri tal-faħam jiffurmaw partijiet integrali tal-proċess tat-tħaffir fil-minjiera u ma jistgħux jinfirdu minn xulxin biex jaħdmu għal rashom, peress li dan jista' jwassal għal konġestjoni taż-żoni tal-estrazzjoni (l-ebda esportazzjoni ta' faħam grezz "run-of-mine" – ROM) jew għal waqfien mill-attivitajiet fis-CDP (l-ebda faħam x'jiġi trattat, maħżun jew trasportat). Barra minn hekk, l-infrastruttura tat-trasport li torbot liż-żewġ siti ta' tħaffir – it-trattament/il-ħżin fuq distanza relattivament qasira jagħtu evidenza ta' din l-integrazzjoni tal-proċess.

Skont id-daqs tagħhom, il-proġetti tat-tħaffir f'minjieri miftuħa li jaqbżu erja ta' 25 ettaru jaqgħu taħt l-Anness I (il-punt 19 - l-erja tas-sit jaqbeż il-25 ettaru) tad-Direttiva VIA li telenka dawk il-proġetti li għalihom hija obligatorja VIA, jew taħt l-Anness II (il-proġetti taħt il-punt 2(a) mhumiex inklużi taħt l-Anness I) li għalihom japplika l-Artikolu 4.2 (kif stabbilit mill-Istati Membri). Skont in-natura tal-attivitajiet tiegħu, is-CDP jista' jagħmel parti wkoll mill-klassi ta' proġetti msemmija fl-Anness II il-punt 3.e (ħżin 'il fuq mill-art ta'

¹ L-Applikazzjoni P/08/0091 tal-25 ta' Frar 2008

karburanti fossili). Kull bidla jew estensjoni ta' proġetti elenkati fl-Anness I, fir-rigward ta' żona taħt il-limitu minimu ta' 25 ettaru, u li jista' jkollha effetti negattivi sinifikanti fuq l-ambjent, taqa' taħt il-punt 13) tal-Anness II tad-Direttiva VIA li għaliha japplikaw l-Artikoli 4.2, 4.3 u 4.3 (l-hekk imsejjaħ "skrinjar"). Barra minn hekk, il-proġetti għall-"ħżin 'il fuq mill-art ta' karburanti fossili" jaqgħu wkoll taħt il-proġetti tal-Anness II (il-punt 3(e) li għalihom japplika l-Artikolu 4 tad-Direttiva VIA.

F'dan il-każ, eżami tal-iskrinjar seta' wassal biex l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jiddeterminaw jekk għandhiex issir jew le VIA abbażi ta' valutazzjoni tal-karatteristiċi tal-bidliet previsti jew l-estensjoni tal-attivitajiet CDP, il-post kif ukoll tal-karatteristiċi tal-effetti sinifikanti possibbli billi tiġi kkunsidrata - *inter alia* - il-firxa tal-impatt fuq il-popolazzjoni u ż-żona ġeografika.

Fir-rigward tal-allegat nuqqas mill-Qorti tal-Appell li tirreferi l-każ lill-Qorti tal-Ġustizzja qabel ma tagħti s-sentenza finali tagħha, il-Kummissjoni ma tistax tidentifika elementi suffiċjenti fl-informazzjoni ppreżentata li juru li dan huwa tassew il-każ.

Il-petizzjonant isostni wkoll li l-ispejjeż tal-proċeduri legali fir-Renju Unit kienu għaljin b'mod esaġerat, u dan imur kontra r-rekwiżiti tal-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/35/KE. Il-Kummissjoni diġà ġiet avżata dwar din il-kwistjoni u ħarġet Opinjoni Motivata kontra r-Renju Unit fl-2010 fejn enfasizzat it-tħassib dwar in-nefqa għall-applikanti tal-proċeduri legali. Dan il-każ ikompli jiġi segwit b'mod attiv mill-Kummissjoni.

Konklużjonijiet

Meta wieħed jikkunsidra li l-Istqarrija Ambjentali (il-paġna 214) li akkumpanjat l-applikazzjoni għall-permess tal-ippjanar (Mejju 2003) semmiet l-impatti ambjentali possibbli assoċjati mal-"immaniġġjar, l-ipproċessar u t-tagħbija tal-faħam", il-Kummissjoni se tkompli titlob informazzjoni aktar komprensiva u dettaljata mingħand l-awtoritajiet nazzjonali sabiex tevalwa safejn l-applikazzjoni għall-attivitajiet tat-tħaffir tal-minjiera, b'mod wiesa' u inklussiv, kopriet l-attivitajiet u x-xogħlijiet kollha, li jinkludu l-iskema tat-tħaffir tal-minjiera, sabiex il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali tkun tista' tidentifika, tiddekrivi u tevalwa b'mod xieraq l-impatti diretti u indiretti tagħhom kif meħtieġ mill-Artikolu 3 tad-Direttiva VIA.

5. Risposta tal-Kummissjoni (REV.II), li waslet fl-20 ta' April 2012.

Il-petizzjonant ipprova informazzjoni addizzjonali (Frar 2012), bħala addizzjoni ulterjuri u aġġornament ta' dak kollu li kien baġħat qabel, dwar din il-petizzjoni, speċjalment fir-rigward tal-analiżi tal-impatti ambjentali tal-impjant tal-ipproċessar tal-faħam Cwmbargoed bħala parti mill-iskema tat-tħaffir miftuħ tal-faħam f'Ffos-y-Fran, f'Wales.

Matul l-inkjesta biex isir segwitu tal-applikazzjoni tal-operatur tal-minjiera tal-faħam biex tiġi rieżaminata l-kundizzjoni tal-permess tal-ippjanar, rappreżentant tal-amministrazzjoni kompetenti tal-Kontea kien tal-opinjoni li l-punt tar-rimi tal-faħam (CDP) u l-faċilitajiet tal-ipproċessar f'Cwmbargoed (CDP) għandhom jitqiesu bħala parti mill-iskema ta' Riklamazzjoni tal-Art Ffos-y-fran (FLRS). Il-petizzjonant ħa din l-oportunità biex japplika lill-Qorti ta' Appell biex terġa' tiftaħ id-deċiżjoni tal-Qorti ta' Mejju 2010, fejn ġiet iddikjarata inammissibbli t-talba

iktar bikrija tal-petizzjonant għal rieżami ġudizzjarju ta' sentenzi preċedenti tal-qorti. Fil-preżentazzjonijiet tagħha, l-amministrazzjoni tal-Kontea żammet mal-opinjoni inizjali tagħha li s-CDP ma jiffurmax parti mill-proġett ta' tħaffir Ffos-y-Fran propju. Il-Qorti ta' Appell irrifjutat l-applikazzjoni tal-petizzjonant.

L-amministrazzjoni nazzjonali taċċetta li hemm relazzjoni mill-qrib bejn l-operazzjoni tat-tħaffir miftuħ (l-Iskema ta' Reklamazzjoni tal-Art ta' Ffos-y-Fran) u l-attività ta' ħasil/ipproċessar tal-faħam li titwettaq mill-istallazzjonijiet industrijali fis-CDP. Madankollu, tqis li s-CDP huwa proġett separat li ma jiffurmax parti mill-proġett FLRS, peress li kien intuża għall-ipproċessar u l-preparazzjoni tal-faħam minn għadd ta' minjieri f'Wales t'Isfel mill-1958. L-impjant ma ġiex analizzat fl-okkażjoni tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali għall-FLRS fl-2003, minħabba li kien jeżisti diġà u kien operattiv u l-ebda tibdiliet sinifikanti għall-impjant ma kienu meħtieġa. Barra minn hekk, is-CDP mhuwiex meqjus bħala parti mill-istess unità ta' ppjanar u, konsegwentement, l-ebda VIA kkombinata ma twettqet għas-CDP/FLRS u nħarġu permessi ta' ppjanar separati.

Waqt il-proċess ta' approvazzjoni tal-applikazzjoni fl-2007 għal estensjoni ulterjuri u rinnovazzjoni ta' istallazzjonijiet industrijali f'CDP, il-kumitat tal-ippjanar ħareġ opinjoni ta' analiżi li stqarret li l-estensjoni tal-proġett ma kinitx koperta mill-Anness I jew II tad-Direttiva VIA. Il-kumitat li inkluda lill-awtoritajiet ambjentali, qies, madankollu, xi aspetti ambjentali bħall-gremxul tal-ilma ta' denbhom qasir tat-tip *Triturus cristatus* (stħarriġ tal-anfibji), miżuri ta' suppressjoni tat-trab, il-limitazzjoni tas-siġhat ta' operazzjoni kuljum u l-evitar tal-kontaminazzjoni tal-ilma. L-applikazzjoni ġiet irrekklamata wkoll iżda ma waslu l-ebda kummenti jew tweġibiet mill-pubbliku.

Wara li jitlestew ix-xogħlijiet ta' tħaffir esploratorju fiż-żona (il-Wied Nant Llesg) ħdejn is-CDP u qrib is-sit Ffos-y-Fran, l-operatur tal-FLRS għandu l-intenzjoni li jressaq applikazzjoni fis-sajf tal-2012 bl-idea li tinholq it-tieni mina miftuħa ewlenija. Attwalment qed jitwettqu studji biex jiġu vvalutati l-impatti ambjentali possibbli.

Qed isiru diskussjonijiet ta' qabel l-applikazzjoni mal-amministrazzjonijiet kompetenti tal-Kunsill tal-Muniċipju. Bi qbil mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2011/92/UE¹ kif inhu stabbilit fl-Anness IV, l-applikant għandu jipprovdi deskrizzjoni tal-karatteristika fiżika tal-proġett sħiħ waqt il-fażijiet operattivi tiegħu, kif ukoll deskrizzjoni tal-impatti ambjentali possibbli tal-iskema li jkopru, *inter alia*, effetti sekondarji, indiretti u kumulattivi. Peress li l-operazzjoni tat-tħaffir il-ġdida jkollha tuża wkoll l-istallazzjonijiet industrijali f'CDP għat-tħejjija, il-ħżin u d-dispaċċ tal-faħam, bl-użu tal-faċilitajiet railhead, l-impatt fuq l-istallazzjonijiet fis-sit CDP għandu jiġi indirizzat ukoll u rifless fid-dikjarazzjoni ambjentali u jkun aċċessibbli għall-pubbliku waqt konsultazzjoni u qabel il-ħruġ tal-permess. Kwalunkwe estensjoni oħra tal-permessi għall-operat tal-istallazzjonijiet industrijali f'CDP, ikollha tqis miżuri li jevitaw, jimmitigaw jew jimminimizzaw impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

L-ewwel laqgħat informattivi mar-residenti tal-irħula tal-madwar li jistgħu jiġu affettwati mill-pjan ta' tqajjim mill-ġdid tal-attivitajiet ta' tħaffir saru fl-2011 u hu mistenni li jekk l-applikazzjoni tal-ippjanar tkompli, konsultazzjonijiet pubbliċi estensivi se jiġu organizzati biex jippermettu lill-pubbliku jinfluwenza l-iskema proposta u jiġi żgurat li jittieħdu l-miżuri xierqa

¹ Id-Direttiva tal-VIA (kodifikata) ĠU L26, 28.1/2012

biex jimmitigaw l-impatt mistenni.

Il-Kummissjoni tqis li l-operat miftuħ għandu l-għan li jipproduċi faħam li jista' jitqiegħed fis-suq, jiġifieri faħam ta' kwalità li jissodisfa l-ħtiġijiet ta' klijenti potenzjali (f'dan il-każ, impjant tal-enerġija). L-attivitajiet tal-ipproċessar u l-immaniġġjar li twettqu fis-sit CDP jiffurmaw parti mill-“proċess ta' produzzjoni” tal-Iskema ta' Reklamazzjoni tal-Art usa' ta' Ffos-y-fran li tħaddan l-operati kollha mit-taħfir sad-dispaċċ tal-faħam lill-klijenti.

Konklużjoni

B'konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva tal-VIA, il-valutazzjoni ta' kwalunkwe impatt sinifikanti għandha tqis ukoll l-effetti kumulattivi, indiretti u sekondarji tal-proġett. Il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet tar-Renju Unit biex jipprovdu kopja tal-opinjoni tal-analiżi.

Fil-każ ta' applikazzjoni għal estensjoni tat-taħfir tal-wiċċ fiż-żona, il-Kummissjoni se titlob ukoll iktar informazzjoni dwar il-konsegwenzi tat-totalità tal-iskema.

6. Risposta tal-Kummissjoni (REV.III), li waslet fl-30 ta' April 2013.

L-amministrazzjoni nazzjonali pprovdiet informazzjoni addizzjonali f'Marzu 2012 dwar il-proċess tal-analiżi applikat għall-proposta għall-modifika tal-proġett tar-reklamazzjoni Ffos-y-fran billi tiġi permessa t-trasportazzjoni tal-faħam anke bit-triq minn Ffos-y-fran minflok kif previst oriġinarjament permezz tal-konnessjoni ferrovjarja biss fil-Post fejn jintrema l-Faħam Cwmbargoed (CDP).

Skont l-informazzjoni provduta, l-awtoritajiet kompetenti (il-Ministri ta' Wales) ikkunsidraw il-proposta fil-kuntest tal-permess tal-ippjanar għall-Iskema ta' Reklamazzjoni Ffos-y-fran eżistenti, is-CDP u l-faċilitajiet tal-immaniġġjar tal-faħam, u fil-kuntest li s-CDP għandu l-kunsens sabiex jittratta l-faħam u l-ġebla ramlja li jiġu minn siti oħra.

L-analiżi ffokat fuq it-trasportazzjoni tal-faħam bit-triq lejn is-CDP u 'l barra minnu, u rraġunat li t-trasport tal-faħam parzjalment bit-trakk m'għandu l-ebda effett sinifikanti fuq l-ambjent anke meta jiġi kkunsidrat l-effett kumulattiv tal-emenda bl-iskema ta' reklamazzjoni globali. Filwaqt illi jitqiesu l-kriterji fl-Anness III tad-Direttiva 85/337/KEE¹ rilevanti kif emendata (il-“VIA” – id-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali) inklużi l-effetti sinifikanti probabbli diretti, indiretti u kumulattivi tal-proposta, l-awtoritajiet nazzjonali kkonkludew li effetti sinifikanti fuq l-ambjent ma kinux probabbli u għalhekk VIA ma kinitx meħtieġa.

Barra minn hekk, l-amministrazzjoni nazzjonali infurmat lill-Kummissjoni li ma kien hemm l-ebda applikazzjoni ta' ppjanar fir-rigward tas-sit Ffos-y-fran ikkunsidrat fiż-żmien tar-risposta. Iżda qiegħda titwettaq konsultazzjoni mhux statutorja ta' qabel l-applikazzjoni mill-iżviluppatur ta' sit fil-Lvant ta' Ffos-y-fran imsejjaħ Nant Llesg u għalhekk aktar applikazzjonijiet għall-ippjanar għal attivitajiet f'minjieri miftuħa tal-faħam huma probabbli. Dawn l-iżviluppi jistgħu jinkludu wkoll proposti biex jinbidel is-CDP. Fiż-żmien dovut, l-awtorità tal-ippjanar lokali se jkollha tikkunsidra l-ħtieġa għal VIA fid-dawl tas-sit, l-iskala u t-tip tal-operazzjonijiet proposti.

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 175, 5.7.1985, p. 40; minn dakinhar din id-Direttiva ġiet ikkodifikata bħala d-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1

Konklużjoni

Mill-informazzjoni disponibbli lill-Kummissjoni, ma setax jiġi stabbilit ksur tal-liġi tal-Komunità fir-rigward tal-proċess VIA.